MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 297/2012

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-13 ta' Marzu 2013 li jaqra hekk:-

"Illi l-esponenti deher ghall-ewwel appuntament tal-kawza odjerna u cioe fil-21 ta' Frar 2013 stante illi gie ezatt mill-attrici kif ukoll wara li ccekkja mas-sistema fir-Registru tal-Qorti u dan wara li gie notifikat b'rikors fl-atti tal-kawza ghall-manteniment *pendent lite*.

Illi l-esponenti spjega li dina l-Onorabbli Qorti seduta stante ili minkejja illi fil-process kien jidher illi huwa gie notifikat bl-atti tal-kawza, huwa ma kienx ircieva l-atti tal-kawza.

Illi l-esponenti waqt is-seduta irrileva illi huwa kien gie notifikat biss bir-rikors ghall-manteniment *pendent lite* kif ukoll bin-nota ta' l-affidavit ta' l-attrici.

Illi seduta stante l-Onorabbli Qorti irrilevat illi fil-process kien ghad hemm l-appuntament ghas-smiegh kif ukoll l-original tar-rikors.

Illi seduta stante l-Onorabbli Qorti ghaddiet l-appuntament tal-kawza kif ukoll kopja ta' dak li kellu jkun ir-rikors tal-kawza.

Illi wara s-seduta l-avukat ta' l-esponenti induna illi l-kopja li inghatat minn dina l-Onorabbli Qorti kienet ta' l-istess rikors dwar il-manteniment pendente lite u mhux ir-rikors guramentat.

Illi wara s-seduta u cioe fl-istess data, l-Onorabbli Qorti ghamlet komunika fejn fiha gie osservat illi l-esponenti kien jidher notifikat fl-24 ta' Jannar 2013 bir-rikors guramentat.

Illi sa 1-20 ta' Frar 2013, l-esponenti kien jidher mhux notifikat anke fis-sistemi tar-Registru tal-Qorti kif jista jikkonferma l-Prokuratur Legali Gerald Bonello u l-avukat ta' l-esponenti.

Illi konsegwentament, l-esponenti saqsa u fittex fil-process sabiex ikollu kopja tar-rikors guramentat.

Illi l-esponenti irtira kopja tar-rikors guramentat bil-permess tad-Deputat Registratur nhar il-Hamis 7 ta' Marzu 2013.

Illi l-esponenti qieghed jipprezenta r-risposta guramentata tieghu flimkien ma' dan ir-rikors sabiex izomm entro terminu li nghata minn dina l-Onorabbli Qorti fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013 minkejja illi effettivament lanqas seduta stante l-esponenti ma kien inghata r-rikors guramentat stante li dan gie mehud fis-7 ta' Marzu 2013.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti li ma jitqiesx kontumaci fl-atti ta' din il-kawza anke kemm-il darba din il-Qorti jidhirlha xieraq li tisma lill-Avukat u Prokuratur Legali sabiex jispjegaw kif huma saru jafu bl-appuntament tal-kawza wara li saret ricerka fuq is-sistema tar-Registu tal-Qorti u li kienet ghadha turi riferta negattiva.”

Rat ir-risposta tal-attrici tal-15 ta’ Mejju 2013 li taqra hekk:-

“Illi minkejja l-isforzi mqansha tal-konvenut C D u l-konfuzjoni li qed jipprova johloq sabiex jiggustifika l-kontumacja tie gnu, jidher bl-aktar mod car mill-atti quddiem din il-Qorti illi jezistu zewg referti cari u inekwivoci li juru illi r-rikors guramentat gie validament notifikat lill-konvenut ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12 f1-24 ta' Jannar 2013 fl-indirizz immarkat ossija 198, Triq il-Hena Mellieha. Malta, kif ukoll bir-rikors ghall-ghoti tal-manteniment pendent lite fit-30 ta' Jannar 2013 fl-istess indirizz;

Illi mhuwiex minnu illi n-notifika taz-zewg atti ma saritx skont il-ligi u r-ragunijiet li jressaq il-konvenut fir-rikors odjern certament mhumiex ragunijiet validi ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja skont il-ligi:
Illi l-esponenti urnilment tissottometti illi fi kwalunkwe kaz l-oneru tal-prova illi effettivament ma giex notifikat kif qed jallega l-konvenut kienet tispetta lill-istess konvenut u dan kellu jressaq tali prova billi per ezempju jressaq lill-marixxall tal-qorti li rrediga r-referta tan-notifika in kwistjoni u jispjiega kif, meta u ma min halla r-rikors guramentat fl-24 ta' Jannar 2013 haga li naturalment il-konvenut konvenjentement ma ghamilx;

Illi ftit ghandha aktar xi tghid l-esponenti f'din ic-cirkostanza ghajr milli tistrieh fuq l-atti kif jirrizultaw bl-aktar mod car lill-Qorti ossija zewg referti pozittivi ta' zewg atti separati li wiehed minnhom (ir-rikors pendente lite) gie imwiegeb mill-konvenut filwaqt li r-rikors l-iehor (ir-rikors promotur) ma giex imwiegeb fil-hin, haga li

proceduralment tikkomporta l-kontumacja ai termini tal-Artikoli 153 et seq tal-Kap 12 tal- Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista tar-referti pozittivi fl-atti ta' din il-kawza, in vista tal-fatt illi 1-konvenut ma ressaq lanqas raguni wahda valida ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu u fuq kollox in vista tal-fatt illi l-istess konvenut naqas milli jressaq tal-inqas l-icken prova ta' dak illi qed jallega l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-rikors tat-13 ta' Marzu 2013 bl-ispejjez tal-istess kontra l-konvenut li ghandu, salv u impregudikat il-garanziji kollha forniti mil-ligi, jigi meqjus bhala kontumaci."

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju 2013 fejn jinghad dan li gej:-

"Ikkunsidrat;

Illi prima facie jidher li meta r-rikors guramentat gie notifikat f'idejn Miriam D f1-24 ta' Jannar 2013, I-konvenut kien imsiefer. Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tisma' provi dwar din 1-allegazzjoni qabel tiddeciedi jekk il-konvenut imexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Ghal dan il-ghan il-konvenut qed jinghata ghoxrien jum mid-data tal-udjenza li jmiss sabiex jiprezenta affidavit f1imkien ma' kopja legali tal-boarding passes li l-konvenut uza fil-mawra fuq imsemmija jew flimkien ma' kopja legali ta' dikjarazzjoni tal-linja ta' l-ajru involuta fejn ticcertifika li l-konvenut ivjagga fid-dati imsemmija fid-dokument a fo1. 32."

Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2013 l-avukati tal-partijiet talbu li jinghataw l-opportunita' jressqu provi fir-rigward tat-talba tal-konvenut sabiex jiggustifika ghaliex ir-risposta guramentata gie ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2013 u mhux fi zmien ghoxrien jum mid-data tar-riferta li tinstab a fol. 11 tal-process.

Il-Qorti ghalhekk iddifferiet il-kawza ghad-19 ta' Gunju 2013 fid-9.15 a.m. ghall-provi tal-partijiet dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2013 il-konvenut ma deherx. Lanqas tresqu bhala xhieda la l-ufficjal tal-Qorti li ghamel ir-riferta bid-data tal-24 ta' Jannar 2013 u lanqas il-persuna li skont ir-riferta jidher li irceviet in-notifika tar-rikors guramentat. Minflok gie pprezentat affidavit tal-avukat tal-istess konvenut u iehor tal-prokuratur legali tal-konvenut.

Il-konvenut lanqas ta x-xhieda tieghu quddiem l-Assistant Gudizzjarju li giet appuntata biex tkompli tisma' x-xhieda u lanqas fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2014 quddiem il-Qorti li kienet intiza proprju biex il-konvenut jaghti x-xhieda tieghu.

Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2014, wara li sar il-kontro-ezami tal-Prokuratur Legali Gerard Bonello, l-avukati tal-partijiet ittrattaw ir-rikors tal-konvenut. Il-partijiet inghataw il-fakolta li jipprezentaw noti ta' referenza u r-rikors thalla ghallum ghad-decizzjoni.

L-attrici pprezentat nota ta' referenzi fit-3 ta' Frar 2014.

Il-konvenut ipprezenta nota ta' referenzi fis-17 ta' Frar 2014.

Ikkonsidrat;

**Ligi u Gurisprudenza.**

**Artikolu 158 sub-inciz (10) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta:-

(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma

tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.

Id-decizzjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumajca hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Imhallef William Harding fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;
(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;
(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;
(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;
(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";
(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

**Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-

"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek,

bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali……………… Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

(Ara wkoll. **Vella pro et nomine v. Vella**, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170); **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)

Dawn huma l-principji generali fir-rigward tal-istitut tal-kontumacja. Din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja illi l-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola in kwantu it-termini ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji, stabbiliti statutorjament, qeghdin hemm biex joholqu sistema procedurali stabbli u uniformi, elementi essenzjali f'kull process gudizzjarju.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Provi**.

Fil-kawza odjerna l-konvenut isostni li huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors guramentat tad-19 ta' Dicembru 2012 (li ta bidu ghall-kawza odjerna) izda biss bir-rikors tal-attrici pprezentat fl-istess jum fejn l-attrici talbet manteniment *pendente lite* ghall-minuri.

Mill-atti jirrizulta li b'digriet tat-3 ta' Jannar 2013[1] ir-rikors guramentat gie appuntat ghas-smigh ghall-21 ta' Frar 2013 filwaqt li b'digriet iehor ukoll tat-3 ta' Jannar 2013 il-Qorti ordnat li r-rikors ghall-manteniment *pendente lite* jigi notifikat lill-kontro-parti b'hamest ijiem utli ghar-risposta.

Ghal xi raguni iz-zewg rikorsi ma nhargux flimkien ghan-notifika ghalkemm mir-riferti jidher li kien l-istess marixxal li hareg bl-atti.

Mir-riferti tar-rikors guramentat[2] jirrizulta li l-marixxal ghamel tentativ ta' notifika fit-22 ta' Jannar 2013 fl-indirizz indikat tax-Xemxija, izda kien bla success. Fil-jum tal-24 ta' Jannar 2013 huwa acceda fl-indirizz indikat tal-Mellieha u din id-darba irnexxielu jinnotifika r-rikors guramentat f'idejn Miriam D.

Fir-rigward tar-rikors ghall-manteniment *pendente lite* mill-atti[3] jirrizulta illi l-istess marixxal ghamel tentativ ta' notifika bla success gewwa l-indirizz indikat fix-Xemxija fit-30 ta' Jannar 2013 filwaqt li aktar tard fl-istess jum huwa nnotifika r-rikors ghall-manteniment *pendente lite* f'idejn Miriam D.

Fit-18 ta' Frar 2013, wara li mill-atti gie konstat li l-konvenut kien gie notifikat bir-rikors ghall-manteniment pendente lite fit-30 ta' Jannar 2013 izda ma pprezentax risposta, inghata digriet fejn gie akkordat manteniment *pendente lite* ghall-minuri.

L-ghada, fid-19 ta' Frar 2013, il-konvenut ipprezenta risposta ghar-rikors ghall-manteniment *pendente lite* fejn talab li l-Qorti tammetti fl-atti r-risposta tardiva tieghu ghaliex skond il-konvenut huwa "kien imsiefer ghal tul ta' xahar kif juri l-anness dokument. (Dokument CF1).[4] Dan id-dokument[5] huwa fotokopja ta' itinerarju mahrug mill-agenzija tal-ivvjaggar Tristar Travel u intestat f'isem D/C.

[1] Fol. 9
[2] Fol.11 (a tergo)
[3] Fol. 29 (a tergo)
[4] Fol. 30
[5] Fol. 32

Minn dan id-dokument jirrizulta li fil-25 ta’ Lulju 2012 kien sar booking ghall-ivjaggar bl-ajru bi tluq minn Malta fil-15 ta’ Jannar 2013 u ritorn f’Malta fil-5 ta’ Frar 2013.

Mill-atti jirrizulta wkoll illi fit-28 ta’ Mejju 2012 l-attrici inizjat il-process ta’ medjazzjoni fir-rigward tal-kura u kustodja u manteniment ghall-minuri. Tali medjazzjoni kellha tinghalaq b’digriet tat-22 ta’ Ottubru 2012[6] wara li l-medjatur tal-familja informat b’nota tat-18 ta’ Ottubru 2012 li l-process ta’ medjazzjoni ma setax isehh peress li l-konvenut kien naqas milli jattendi ghas-seduti ta’ medjazzjoni appuntati.

**Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt.**

Dwar l-episodju in dizamina il-Qorti fliet il-provi skarsi li tressqu fir-rigward u tinnota li l-konvenut, nonostante li inghata aktar minn opportunita’ wahda, naqas milli jixhed u naqas ukoll milli jressaq bhala xhieda lill-marixxal li skond ir-riferti wassal ir-rikors guramentat fl-indirizz gewwa l-Mellieha fl-24 ta’ Jannar 2013 u lil certu Miriam D li skond ir-riferta laqghet il-kopja tar-rikors guramentat.

Fit-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti l-Avukat tal-konvenut stqarr illi ma ressaqx lill-Marixxal bhala xhud peress li kien jistenna li tali xhud jikkonferma r-riferta pozittiva li tinsab a tergo ta’ fol. 11. Bid-dovut rispett dan ma hux argument li ghandu bazi fil-ligi tal-procedura. Riferta pozitiva fl-atti ta’ kawza hija prova ta’ riferta pozittiva u mhux presunzjoni ta’ riferta pozitiva. Sakemm ma jitresqux provi sodisfacenti li jiskossaw tali prova, ir-riferta titqies li hija prova ta’ dak li tghid. L-unici xhieda li ressaq il-konvenut fir-rigward tat-talba tieghu sabiex jiggustifika l-kontumacjal li tirrizulta mill-atti huwa l-istess Avukat tal-konvenut u l-Prokuratur Legali li ffirma l-atti.

Fil-fehma tal-Qorti x-xhieda moghtija bl-ebda mod tikkonforta t-tezi tal-konvenut li fl-24 ta’ Jannar 2013 ma giex notifikat ir-rikors guramentat f’idejn Miriam D. Rilevanti jigi sottolineat illi l-konvenut naqas milli jressaq

[6] Fol. 8

bhala xhieda mhux biss lill-Marixxal izda wkoll lill-imsemmija Miriam D.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti biex isostni t-tezi tieghu li huwa gie notifikat biss bir-rikors ghall-manteniment *pendente lite* u mhux bir-rikors guramentat. Ghalhekk il-Qorti qed tqis li r-rikors guramentat tad-19 ta' Dicembru 2012 gie mwassal mill-Marixxal fl-indirizz indikat gewwa l-Mellieha u moghti f'idejn Miriam D fl-24 ta' Jannar 2013.

Stante li permezz tar-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tat-13 ta' Marzu 2013 il-konvenut jimmotiva it-talba tieghu fuq l-allegazzjoni li "minkejja illi fil-process kien jidher illi huwa gie notifikat bl-atti tal-kawza, huwa ma kienx ircieva l-atti tal-kawza", u stante li irrizulta li l-atti gew notifikati skond il-ligi fl-24 ta' Jannar 2013, ghall-finijiet tal-mertu tar-rikors in dizamina il-Qorti tista' tieqaf hawn.

Il-Qorti thoss pero' li ghandha wkoll taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-mawra barra minn Malta li l-konvenut jghid li ghamel bejn il-15 ta' Jannar 2013 u l-5 ta' Frar 2013.

Il-konvenut ressaq bhala prova tal-assenza tieghu minn dawn il-Gzejjer kopja ta' itinerarju li kien inhareg mill-agenzija tal-ivjaggar fil-25 ta' Lulju 2012 li juri li l-konvenut kellu jkun imsiefer bejn il-15 ta' Jannar 2013 u l-5 ta' Frar 2013. F'dan ir-rigward il-konvenut kien tenut iressaq l-ahjar prova primarjament ix-xhieda guramentata tieghu flimkien ma' kopja tal-boarding passes u/jew konferma in iskritt mil-linja tal-ajru li huwa effettivament ha it-titjiriet imsemmija u/jew it-timbri fuq il-passaport tieghu stante li l-vjagg kellu jkun barra l-Unjoni Ewropea. Il-konvenut ghazel li ma jaghmel xejn minn dan. Hija regola tad-dritt probabtorju li min jallega irid jipprova u ghandu wkoll l-oneru li jresssaq l-ahjar prova. Il-konvenut baqa' ma ta l-ebda raguni ghaliex la ta x-xhieda tieghu fir-rigward u lanqas ipprezenta id-dokumenti fuq indikati, meta kellu aktar minn opportunita' wahda li jaghmel dan.

Pero', anke *dato ma non concesso* li l-konvenut kien imsiefer fl-24 ta' Jannar 2014 u irritorna fil-5 ta' Frar 2013, fl-ahjar ipotezi ghall-konvenut kien jirrizulta illi meta irritorna, it-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata kien ghadu ghaddej u f'kaz ta' htiega seta jitlob estensjoni tat-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata.

Il-fatt li l-konvenut la xehed hu u lanqas ressaq bhala xhieda lill-Marixxal u lil Miriam D huma indikativi li l-konvenut ried ikun ekonomiku mal-provi disponibbli ghall-Qorti dwar dan l-episodju.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddikjara lill-konvenut kontumaci u tordna l-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenut tat-13 ta' Marzu 2013 li tinsab a fol. 45 tal-process.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------